



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Strasburgu, 16.4.2019
JOIN(2019) 6 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**L-Unjoni Ewropea, l-Amerika Latina u l-Karibew: nagħqdu l-isforzi tagħna għal futur
komuni**

Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

L-Unjoni Ewropea, l-Amerika Latina u l-Karibew: nagħqdu l-isforzi tagħna għal futur komuni

“Fil-bqija tar-reġjun tal-Atlantiku, l-Unjoni ser iżżid il-kooperazzjoni u tibni sħubijiet aktar b’saħħithom mal-Amerika Latina u l-Karibew, ibbażati fuq valuri u interessi komuni.”

- Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea¹

1. Introduzzjoni

Bis-saħħa tal-istorja u tal-valuri komuni tagħna, l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Amerika Latina u l-Karibew (ALK) għandhom sħubija antika u ta' suċċess. L-UE u l-ALK ilhom mill-1999 marbutin b'relazzjoni strateġika msejsa fuq impenn lejn il-libertajiet fundamentali, l-iżvilupp sostenibbli u sistema internazzjonali b'saħħitha bbażata fuq ir-regoli. Għal aktar minn għoxrin sena, din is-sħubija kienet pjattaforma għall-kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku, xprun tal-bidla u inkubatur ta' ideat ġodda.

Matul l-aħħar għexieren ta' snin, **l-UE u l-ALK laħqu livell bla preċedent ta' integrazzjoni**. L-UE ffirmat ftehimiet ta' assoċjazzjoni, ta' kummerċ ħieles jew ta' politika u ta' kooperazzjoni ma' 27 mit-33 pajjiż tal-ALK². L-UE u l-pajjiżi tal-ALK ta' spiss ikunu allinjati fin-Nazzjonijiet Uniti, u kkooperaw mill-qrib fuq il-Ftehim ta' Pariġi³ u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli⁴. Kważi **sitt miljun ruħ mill-UE u mill-ALK jgħixu u jaħdmu madwar l-Atlantiku**⁵, u aktar minn terz tal-istudenti tal-ALK li qed jistudjaw barra minn pajjiżhom jagħmlu dan fl-UE.

L-ekonomiji huma interkonnessi mill-qrib. L-UE hija t-tielet l-akbar sieħeb kummerċjali tal-ALK; il-kummerċ totali fi prodotti żdied minn EUR 185,5 biljun fl-2008 għal EUR 225,4 biljun fl-2018, u l-kummerċ fis-servizzi fl-2017 kważi laħħaq EUR 102 biljun. L-UE hija l-ewwel investitur mill-ALK, bi stokk ta' investiment dirett barrani (IDB) ta' EUR 784,6 biljun fl-2017 filwaqt li l-istokk tal-IDB tal-ALK fl-UE żdied sostanzjalment ukoll matul dawn l-aħħar snin għal EUR 273 biljun fl-2017⁶.

L-UE kienet l-akbar fornitur ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-ALK b'EUR 3,6 biljun f'għotjiet għal programmi bilaterali u reġjonali bejn l-2014 u l-2020⁷ u aktar minn EUR 1,2 biljun f'għajjnuna umanitarja lill-vittmi ta' kriżijiet magħmula mill-bniedem u diżastri naturali f'dawn l-aħħar 20 snin. Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jinvesti fil-kisba tal-Għanijiet

¹ Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa aktar b'saħħitha. Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea (2016)

² Il-pajjiżi kollha tal-ALK ħliet l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, il-Paragwaj, l-Urugwaj u l-Venezwela. L-aktar importanti fosthom huma l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-Messiku, maċ-Ċili u mal-Amerika Ċentrali, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-Forum tal-Karibew (CARIFORUM) u l-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles mal-Kolombja, mal-Perù u mal-Ekwador.

³ Il-Ftehim ta' Pariġi (2015)

⁴ Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (2015)

⁵ In-Nazzjonijiet Uniti, International Migration Report 2017

⁶ l-Eurostat, 2019. L-investiment tal-UE fl-ALK huwa ogħla mill-istokks tal-IDB tal-UE fiċ-Ċina (EUR 176,1 biljun, minbarra Hong Kong), fl-Indja (EUR 76,7 biljun) u fir-Russja (EUR 216,1 biljun) meħudin f'flimkien.

⁷ B'enfasi fuq oqsma kritiċi bħas-sigurtà u l-istat tad-dritt, is-sostenibbiltà ambjentali u t-tibdil fil-klima, l-agrikoltura, is-sigurtà alimentari u tan-nutrizzjoni, it-tkabbir ekonomiku inklużiv għall-ħolqien tal-impjiegi, ir-riforma fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, il-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku, u l-integrazzjoni reġjonali.

ta' Żvilupp Sostenibbli fl-ALK, b'enfasi fuq il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, b'self totali ta' EUR 3,4 biljun matul l-2014-2018⁸.

F'dan il-kuntest, din il-Komunikazzjoni **tippromwv li tissaħħaħ is-sħubija politika tal-UE mal-ALK**, u tiġi stabbilita **viżjoni għal sħubija aktar b'saħħitha u modernizzata bireġjonali** — fid-dawl tar-realtajiet globali u reġjonali li qed jinbidlu. Din għandha l-għan li tipprovdi direzzjoni strateġika għall-azzjoni esterna tal-UE mal-ALK, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp⁹, l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Komunikazzjoni "Kummerċ għal Kulħadd" u d-direttivi tan-negożjati għal ftehim ta' sħubija bejn l-UE u l-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku¹⁰.

L-ambjent ġeopolitiku tal-lum li qed jevolvi b'ritmu mgħaġġel, jintroduċi sfidi u opportunitajiet ġodda għas-sħubija, filwaqt li jsaħħaħ il-bżonn għal kooperazzjoni reġjonali u bilaterali aktar effettiva, **sħubija modernizzata ffukata fuq il-kummerċ, l-investiment u l-kooperazzjoni settorjali**. Dawk il-bidliet globali fiż-żewġ reġjuni jeħtieġu approċċ ambizzjuż u innovattiv lil hinn minn loġika tradizzjonali bejn donatur u benefiċjarju u fl-ispirtu tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. Mill-2000, il-kummerċ bejn iċ-Ċina u l-ALK żdied minn USD 10 biljun għal USD 244 biljun fl-2017. Iċ-Ċina saret rivali tal-UE bħala t-tieni sieħeb kummerċjali tal-Amerika Latina u, b'mod aktar wiesa', saret sieħeb ta' rilevanza dejjem tikber għar-reġjun. Ir-rwol u l-influenza tradizzjonali tal-Istati Uniti fir-reġjun ukoll inbidlu maż-żmien.

Fl-istess ħin, l-ALK qed jiffaċċjaw dinamiċi ġodda, bħall-ħtieġa li jwieġbu għat-talbiet ta' ekonomija globali diġitali u integrata, il-persjoni biex jiġi salvagwardjat l-ambjent u jiġi promoss it-tkabbir filwaqt li jiġu żgurati eżiti soċjali ġusti, jew it-tħassib biex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni ta' xejra fit-tul ta' konsolidazzjoni demokratika u żvilupp sostenibbli.

L-UE, bil-mudell tagħha ta' integrazzjoni u konnettività ekonomika reġjonali, tista' tkun sieħeb importanti tal-ALK fl-indirizzar ta' dawk l-isfidi. L-UE qed issellef l-appoġġ sħiħ diplomatiku, umanitarju u ekonomiku tagħha biex issolvi l-kriżijiet li għaddejjin bħalissa f'ċerti pajjiżi tal-ALK u se tkompli tippromwv l-prinċipji demokratiċi u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fir-relazzjonijiet tagħha mal-ALK. B'mod aktar ġenerali, jenħtieġ li l-UE u l-ALK jaħdmu flimkien biex jippreservaw il-multilateraliżmu u l-ordni globali bbażata fuq ir-regoli, billi jgħaqqdu l-forzi tagħhom biex joħorġu b'aġendi ambizzjużi.

Din is-sħubija jenħtieġ li tikkonċentra fuq **erba' prijoritajiet li jsaħħu lil xulxin: il-prosperità, id-demokrazija, ir-reżiljenza u l-governanza globali effettiva**. Taħt kull waħda minn dawn il-prijoritajiet, il-Komunikazzjoni tissuġġerixxi għadd ta' oqsma u inizjattivi konkreti biex titmexxa 'l quddiem din l-aġenda, implimentati permezz ta' involviment aktar strateġiku u mmirat tal-UE mar-reġjun.

⁸ Ir-rapporti annwali tal-BEI huma disponibbli fuq <http://www.eib.org/en/infocentre/publications/all/index.htm>.

⁹ Il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp: "Id-dinja tagħna, id-dinjità tagħna u l-futur tagħna", ĠU 2017/C 210/01.

¹⁰ Kummerċ għal kulħadd: Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment, COM(2015) 0497; Direttivi ta' negożjati għal ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-pajjiżi tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa l-oħra, KUNSILL (2018) 8094/18/ADD1. Din il-Komunikazzjoni għandha tinqara wkoll fid-dawl tal-ftehimiet li jeżistu jew li qed jiġu negożjati bejn l-UE u pajjiżi jew subreġjuni individwali tal-ALK; li jkopru prattikament ir-reġjun kollu u jirrapreżentaw mezz importanti għall-implimentazzjoni tal-viżjoni stabbilita fiha.

2. Niddefendu l-valuri u l-interessi komuni tagħna

2.1 Sħubija għall-prosperità

Se tkun meħtieġa azzjoni ffukata u ddeterminata biex **terġa' tingħata l-ħajja lill-ekonomiji u jiġi appoġġat it-tkabbir**. Jenħtieġ li l-UE tkompli bis-sħubija mal-ALK fl-isforzi tagħha biex tindirizza l-isfidi makroekonomiċi persistenti fir-reġjun, filwaqt li tiddiversifika u timmodernizza l-mudelli ekonomiċi differenti, u b'hekk tagħmilhom tajbin għall-globalizzazzjoni. Biex ir-risultati jkunu sostenibbli jimplika wkoll li nagħqdu l-forzi biex **jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi**, jinħolqu impjiegi deċenti u li l-globalizzazzjoni taħdem għal kulħadd, u **t-tranżizzjoni lejn ekonomija ħadra u ċirkolari**.

Abbażi ta' dawn il-prinċipji, l-UE għandha żżid l-impenn tagħha mas-sħab tal-Amerika Latina u tal-Karibew dwar:

L-iffaċilitar tal-kummerċ u tal-investment intrareġjonali u interreġjonali. Bħala kwistjoni ta' prijorità l-UE għandha tikkoopera biex tlesti n-negozjati, tiżgura ratifiki b'ħeffa u timplimenta b'mod sħiħ in-netwerk ta' **Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, Kummerċjali u ta' Sħubija Ekonomika**. Jenħtieġ li jittieħdu l-passi meħtieġa biex jitjeb l-ambjent tan-negozju u tal-investment fir-reġjun. L-opportunitajiet li jipprovdu l-ftehimiet – akkwist pubbliku aktar effettiv, aċċess aħjar għas-suq, l-innovazzjoni u l-kompetittività, il-kummerċ intrareġjonali u l-integrazzjoni fil-ktajjen tal-provvista globali – jenħtieġ li jiġu sfruttati. Il-protezzjoni effettiva u bbilanċjata tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali ssaħħa l-opportunitajiet għall-kooperazzjoni fir-riċerka u tistimula l-kompetittività u l-innovazzjoni. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-ftehimiet kummerċjali jkabbru **l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba**: l-UE għandha taħdem flimkien mal-ALK biex issaħħa l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet soċjali, tax-xogħol u ambjentali fil-ftehimiet eżistenti, b'mod konsistenti mal-impenn komuni tagħhom għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, u tippromwovi ġestjoni responsabbli tal-ktajjen globali tal-provvista.

Sabiex jinħoloq kuntest aħjar għat-tkomplija tal-aġenda UE-ALK għall-kummerċ u l-investment, l-UE u l-ALK għandhom jippromwovu b'mod konġunt **aktar trasparenza**, b'mod partikolari matul in-negozjati ta' ftehimiet kummerċjali ġodda jew riveduti, u billi jippromwovu l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet.

Jenħtieġ li l-ftehimiet ikunu wkoll strument biex tiġi promossa l-konverġenza regolatorja dwar il-**Kwistjonijiet Sanitarji u Fitosanitarji** sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-oġġetti, bejn l-ALK u l-UE u biex jiġu appoġġati standards għoljin tas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti. Fir-rigward tal-ġlieda kontra r-**reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR, antimicrobial resistance)** b'approċċ ta' "Saħħa Waħda", l-attivitajiet li għaddejjin se jappoġġaw l-ALK fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom ta' Saħħa Waħda għall-AMR.

Jenħtieġ li l-UE tappoġġa l-isforzi ta' integrazzjoni fl-ALK biex tagħti spinta lill-**kummerċ intrareġjonali** u tiffaċilita l-investment, bħall-Alleanza tal-Paċifiku, inkluż billi taqsam l-esperjenza tagħha dwar kif jiġu indirizzati l-ostakoli mhux tariffarji għall-kummerċ u l-promozzjoni tal-konverġenza u tal-armonizzazzjoni regolatorja. Jenħtieġ li tkompli l-ħidma biex tiġi riformata s-sistema tas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investituri u l-istati fil-proċess tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ biex tiġi stabbilita Qorti Multilaterali tal-Investment permanenti. L-UE hija lesta wkoll tikkunsidra l-possibbiltà ta' ftehimiet ta' protezzjoni tal-investment ma' sħab ewlenin. Jenħtieġ li l-UE tinkoraġġixxi r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ tal-

Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO, World Trade Organisation), bħala xprun tal-kummerċ transfruntier. Jenħtieġ li l-UE wkoll tinkoraġġixxi l-adeżjoni tal-isħab fil-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi.

Il-promozzjoni tat-trasformazzjoni lejn ekonomija ħadra. Jenħtieġ li r-reġjuni jwittu t-triq lejn produzzjoni u konsum aktar sostenibbli. Il-kooperazzjoni u t-tagħlim reċiproku dwar l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u tal-enerġija u l-ekonomija ċirkolari jidhru li jipprovdu l-aħjar opportunitajiet. Ir-riċerka, it-teknoloġija u l-għarfien espert tal-UE, inkluż f'termini tal-użu ta' finanzjament privat għal tkabbir sostenibbli¹¹, jistgħu jgħinu lill-ALK billi jiżblokkaw il-potenzjal enormi tagħha għall-enerġija sostenibbli mill-ilma, mir-riħ, mix-xemx, mill-oċean u dik ġeotermali, filwaqt li jsaħħu r-reżiljenza tal-enerġija u joħolqu l-impjigi u l-opportunitajiet ta' negozju. Il-kooperazzjoni dwar l-informatika ta' prestazzjoni għolja tista' tikkontribwixxi għall-immodernizzar tal-industriji tal-enerġija. Fid-dawl tal-vulnerabbiltajiet speċifiċi tal-Gżejjer tal-Karibew, jenħtieġ li l-UE tippromwovi d-dimensjoni esterna tal-inizjattiva "Enerġija Nadifa għall-Gżejjer tal-UE"¹², u tappoġġa u tingrana l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika. Il-Bank Ewropew tal-Investment jista' jikkontribwixxi għal din it-trasformazzjoni billi jipprovdi finanzjament fit-tul u kompetenza teknika rilevanti.

Il-promozzjoni tal-ekonomija blu. Kollaborazzjoni aktar mill-qrib dwar l-ekonomija blu u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' żoni protetti tal-baħar fl-Oċean Antartiku, toħloq kundizzjonijiet favorevoli għat-tkabbir b'mod partikolari fil-komunitajiet kostali u tal-gżejjer u tikkontribwixxi għall-adattament u l-mitigazzjoni tal-klima. Standards komuni u aċċess miftuħ għad-data dwar l-oċeani huma essenzjali biex javvanzaw l-ekonomija blu u jtejbju l-governanza tal-oċeani.

L-iffaċilitar tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Politiki u standards ambjentali robusti u bbażati fuq l-evidenza huma għodod ewlenin għal tkabbir ekonomiku sostenibbli. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lill-plastik, liż-żibel fil-baħar u lill-ġestjoni sostenibbli tal-kimiċi u l-iskart. L-iżgurar tal-**ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali** jista' jiżgura l-vijabilità fit-tul tal-prosperità tar-reġjuni. Iż-żewġ naħat se jibbenefikaw mit-tkomplija tad-djalogo u tal-kooperazzjoni dwar il-materja prima sabiex tiġi indirizzata b'mod sostenibbli d-domanda dejjem tikber għal dawn il-materjali. Il-Pjattaforma diġitali tal-Iżvilupp tal-Mineral li tnediet fl-2017 tipprovdi bażi għal din il-kooperazzjoni. Iż-żewġ reġjuni jistgħu jagħqudu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu **katini ta' valur industrijali responsabbli** biex jgħinu lill-intrapriżi josservaw standards ta' kondotta kummerċjali responsabbli li tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli.

Il-promozzjoni ta' bliet sostenibbli u intelliġenti. Bil-maġġoranza l-kbira tan-nies fiż-żewġ reġjuni jgħixu f'żoni urbani¹³, il-promozzjoni ta' bliet sostenibbli u azzjoni fil-livell lokali tibqa' importanti. L-UE u l-ALK jistgħu jibbenefikaw mill-iskambju tar-riċerka u tal-esperjenza disponibbli fil-qasam tal-urbanizzazzjoni sostenibbli bħal soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, soluzzjonijiet ta' mobbiltà b'livell baxx ta' karbonju, jew ir-restawr tal-ekosistemi urbani. Il-kooperazzjoni bejn il-bliet, li qed tikseb suċċess, dwar l-iżvilupp urban sostenibbli, bħall-Patt Globali tas-Sindki, tista' tiżdied.

Il-promozzjoni ta' xogħol deċenti u negozji kompetittivi u responsabbli. Il-promozzjoni ta' xogħol deċenti u r-rispett għall-istandards tax-xogħol u ambjentali jeħtieġ li tibqa' prijorità

¹¹ F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli. "Pjan ta' Azzjoni: Il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli" COM(2018)97

¹² L-inizjattiva tipprovdi qafas fit-tul biex tgħin lill-gżejjer jiġġeneraw l-enerġija sostenibbli u rħisa tagħhom.

¹³ Fl-2018, 81 % tal-popolazzjoni fl-ALK u 74 % fl-Ewropa kienet tgħix f'żoni urbani. Id-Dipartiment tal-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali tan-NU (2018) Revision of World Urbanisation Prospects.

għall-kooperazzjoni, b'mod partikolari l-konformità mal-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol. Iż-żewġ reġjuni kkontribwew għall-adozzjoni ta' **standards internazzjonali tax-xogħol**, u issa għandhom jaħdmu flimkien lejn l-implimentazzjoni tagħhom, inkluż dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-eradikazzjoni tat-tħaddim tat-tfal. L-esperjenza ta' suċċess tal-UE fid-djalogu mas-sħab soċjali tista' tiġi kondiviża permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki. It-tranżizzjoni lejn ekonomija formali hija sfida ewlenija fl-ALK fejn l-impjeg informali jirrappreżenta aktar minn 40 % tat-total tal-impjeg mhux agrikoli¹⁴.

Kooperazzjoni aktar mill-qrib għandha żżid il-produttività tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSME - micro, small and medium-sized enterprises). Passi konkreti f'din id-direzzjoni, li jiżguraw benefiċċji għall-konsumaturi u għall-produtturi fuq iż-żewġ naħat, jinkludu l-użu sħiħ tad-dispożizzjonijiet tal-Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-ALK, il-Ftehimiet ta' Sħubija Kummerċjali u Ekonomika. Jenħtieġ li l-ħidma konġunta tkompli tippromwovi l-adozzjoni ta' standards miftiehma fuq livell internazzjonali dwar ir-**responsabbiltà soċjali korporattiva** u l-kondotta tan-negozju responsabbli, inklużi l-linji gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) għall-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam se tibni fuq is-suċċessi tal-programmi fis-seħħ, appoġġ għall-intelligence dwar in-negozju, in-netwerks tal-MSMEs u n-negozji ġodda fiż-żewġ reġjuni. Jenħtieġ li l-UE tfitteż ukoll li tteġġeg il-kooperazzjoni bejn l-MSMEs tal-ALK u n-Netzwerk Enterprise Europe. Ir-raggruppamenti u n-netwerks tan-negozju tal-ALK jistgħu jieħdu vantaġġ mill-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni tar-Raggruppamenti.

Ninvestu fl-għarfien, fl-innovazzjoni u fil-kapital uman Jenħtieġ li ż-żewġ reġjuni jużaw l-opportunitajiet taħt Orizzont 2020 u l-programm Orizzont Ewropa futur propost, li jippromwovi l-mobbiltà, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi taħt l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, l-eċċellenza xjentifika, u t-trawwim ta' soluzzjonijiet konġunti għall-isfidi globali fil-qafas taż-Żona Komuni ta' Riċerka. L-UE tista' tkompli tikkondividi l-esperjenza tagħha f'li tgħaqqad ix-xjenza u s-settur privat, fit-trasferiment tat-teknoloġija u tal-ideat mill-bażi ta' riċerka għal negozji ġodda u l-industrija, u tippromwovi l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti u l-innovazzjoni fil-livell reġjonali.

L-UE hija lesta tiegħu azzjoni konġunta biex tiżviluppa l-**kapital uman** meħtieġ biex ikopri d-domanda tat-teknoloġiji, tad-diġitalizzazzjoni u tal-intraprenditorija li tinbidel malajr. Jenħtieġ li ż-żewġ reġjuni jkomplu jikkooperaw fil-qasam ta' **edukazzjoni oġhla**, jibnu fuq il-programm Erasmus+, jinvolvu ruħhom f'aktar skambji tal-edukazzjoni oġhla u l-bini tal-kapaċità, u jsaħħu d-djalogu reġjonali fost l-akkademiċi u dawk li jfasslu l-politika. Huma jistgħu jiżviluppaw kooperazzjoni dwar **edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali aktar mill-qrib** biex iwiegħbu għall-ħtiġijiet tal-ħiliet ta' ekonomija globali li qed tittrasforma ruħha u jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni li tikkontribwixxi għal impjeg deċenti, id-diversifikazzjoni u l-kompetittività ta' setturi ekonomiċi strateġiċi.

L-avvanz tal-ekonomija diġitali. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni diġitali tkun ċentrali għar-relazzjoni, billi tassisti lill-ekonomiji taż-żewġ reġjuni biex jinkisbu l-benefiċċji tat-teknoloġiji ġodda, filwaqt li jiġu promossi l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni.

Iggwidat minn viżjoni fit-tul ta' suq uniku diġitali fl-ALK, jenħtieġ li l-**allinjament regolatorju** jiġi appoġġjat, inkluż fejn jidħlu l-5G, l-Internet tal-Oġġetti, l-Intelliġenza Artifiċjali, l-istandardizzazzjoni fit-teknoloġiji għat-trasformazzjoni diġitali, is-Sistemi

¹⁴ Skont l-ILO, l-impjeg informali kien jirrappreżentaw 46,8 % tal-impjeg kollha mhux agrikoli fl-2014. Fl-2012, l-ekonomija informali kienet tammonta għal 18,4 % fl-UE-27. Il-Kummissjoni Ewropea & l-OECD (2017) Policy Brief dwar l-Intraprenditorija Informali

Ewropej ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita u Copernicus u l-applikazzjoni industrijali tagħhom, u l-investiment fl-infrastruttura tad-*data* b'veloċità għolja. Is-suq Uniku Diġitali tal-UE jipprovdi mudelli li jistgħu jkunu ta' interess għar-reġjun tal-ALK, inkluż dwar is-sigurtà tad-*data* u l-identifikazzjoni elettronika. Iċ-ċibersigurtà, il-gvern elettroniku, il-kummerċ elettroniku, il-pjattaformi onlajn, il-pagamenti transfruntiera u l-governanza tal-internet, huma oqsma oħra promettenti ta' kooperazzjoni. Barra minn hekk, huwa importanti li tissaħħaħ il-konverġenza bejn l-UE u l-ALK dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, bħala mod kif jiġu ffaċilitati aktar il-flussi tad-*data* u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti.

Kejbil ġdid tal-fibra ottika taħt il-baħar, mibni b' appoġġ mill-UE u minn investituri privati, se jgħaqqad l-Amerika Latina mal-Ewropa u se jipprovdi **konnnettività tal-broadband b'veloċità għolja** li se jagħti spinta lill-iskambji kummerċjali, xjentifiċi u edukazzjonali bejn iż-żewġ reġjuni. L-għażliet li jsaħħu l-konnnettività fl-Amerika Ċentrali u r-reġjun tal-Karibew jenħteġ li jiġu esplorati.

It-tisħiħ tal-konnnettività permezz tat-trasport bl-ajru u mezzi oħra tat-trasport. In-negożjar ta' **ftehimiet komprensivi ġodda dwar it-trasport bl-ajru** mhux biss itejjeb l-aċċess għas-suq, iżda jgħid ukoll opportunitajiet ġodda ta' negożju, u jiżgura kundizzjonijiet tas-suq ġusti u trasparenti bbażati fuq qafas regolatorju ċar. Ftehimiet bħal dawn jipprovdu wkoll aktar konnessjonijiet u prezzijiet aħjar għall-passiġġieri, u jistgħu jiffaċilitaw aktar kooperazzjoni f'oqsma bħas-sikurezza tal-avjazzjoni, is-sigurtà tal-avjazzjoni, il-kwistjonijiet soċjali u l-ambjent. Il-kooperazzjoni dwar modi oħra ta' trasport, bħalma huma t-trasport ferrovjarju u t-trasport marittimu, sistemi ta' mobbiltà urbana sostenibbli u intelliġenti jistgħu jiġu esplorati.

L-użu tat-teknoloġija spazjali. L-ispazju huwa qasam ta' kooperazzjoni li qed jikber b'potenzjal li għadu ma bediex jiġi sfruttat. Illum, is-Sistemi Ewropej ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita - Galileo u EGNOS - huma realtà operazzjonali. Il-katina tal-valur marbuta magħhom hija kapaċi tipprovdi għarfien espert tal-ogħla livell, għarfien u teknoloġija li jistgħu jiġu kondiviżi. Copernicus, il-programm tal-UE ta' Osservazzjoni tad-Dinja, jista' jgħin ukoll biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà, mill-protezzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima għall-agrikoltura u l-iżvilupp urban. Fuq il-bażi tar-reċiproċità, jista' jsir użu sħiħ tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni¹⁵ ta' Copernicus li jipprovdu aċċess liberu, sħiħ u miftuħ għad-*data*.

Sħubija għall-prosperità:

- *Biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ u l-investiment sostenibbli intrareġjonali u interreġjonali, isir xogħol biex jitlestha n-netwerk ta' ftehimiet kummerċjali u ta' investiment u tiġi żgurata r-ratifika rapida u l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom, inkluż tad-dispożizzjonijiet soċjali, tax-xogħol u ambjentali;*
- *Biex jiġu appoġġati l-isforzi ta' integrazzjoni reġjonali billi tiġi attivata kooperazzjoni konkreta fuq oġġettivi komuni b'inizjattivi bħall-Alleanza tal-Paċifiku;*
- *Biex tiġi promossa l-ekonomija ħadra, inkluż billi tiġi appoġġata t-tranżizzjoni enerġetika b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju fil-ALK, u billi jsir xogħol flimkien fuq l-iżvilupp tal-ekonomija blu u l-ġestjoni sostenibbli u responsabbli tar-riżorsi naturali, inkluża l-materja prima;*
- *Biex jiġu appoġġati kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u tkabbir tal-intrapriżi mikro, żgħar u medji produttivi u responsabbli, b'ħidma biex tiżdied il-konformità mal-istandards*

¹⁵ Diġà ffirmati mal-Brażil, maċ-Ċili u mal-Kolombja

internazzjonali tax-xogħol u tiġi promossa r-responsabbiltà soċjali korporattiva;

- *Biex jissaħħaħ l-investment fl-għarfien, fl-innovazzjoni u fil-kapital uman, b'ħidma biex tiġi żviluppata Żona ta' Riċerka Komuni tal-UE ALK taħt Orizzont 2020 u l-programm suċċessur tiegħu (Orizzont Ewropa);*
- *Biex javvanzaw l-ekonomija diġitali u l-konnettività bejn iż-żewġ reġjuni, tissaħħaħ il-kooperazzjoni u jiġi promoss l-allinjament regolatorju f'oqsma ewlenin u jiġi promoss l-iżvilupp tal-infrastruttura b'konnettività broadband ta' veloċità għolja;*
- *Għall-espansjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam ġdid tat-trasport bl-ajru u dak marittimu, tas-sistemi ta' mobbiltà urbana sostenibbli, u tal-osservazzjoni tal-ispazju u tal-dinja.*

2.2. Sħubija għad-demokrazija

Id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem huma fiċ-ċentru tas-sħubija bejn l-UE u l-ALK. L-UE se tkompli tiddefendi u tippromwovi l-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt fir-relazzjoni tagħha mal-ALK. Jenħtieġ li s-sħubija bejn l-UE u l-ALK iżżomm mal-valuri u tirrispondi għas-sejħa taċ-ċittadini għal governanza tajba aktar effettiva. Il-promozzjoni ta' sistemi politiċi demokratiċi li jagħtu riżultati għaċ-ċittadini tagħhom se tibqa' prijorità fil-politika esterna tal-UE. In-nuqqasijiet fejn jidhru governanza, demokrazija, drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-korruzzjoni jew l-ispazju dejjem aktar ristrett għall-parteċipazzjoni pubblika u tas-soċjetà ċivili, jippreżentaw sfida fundamentali għall-effettività ta' kull sforz tas-soċjetà favur l-iżvilupp. Iż-żewġ reġjuni għandhom x'jiggrawdanjaw minn ħidma konġunta lejn istituzzjonijiet demokratiċi aktar b'saħħithom, stat tad-dritt imsaħħaħ, aktar trasparenza u responsabbiltà tal-istituzzjonijiet pubbliċi, u protezzjoni aħjar tad-drittijiet tal-bniedem.

Għal dan il-għan, fir-relazzjoni tagħha mal-ALK, jenħtieġ li l-UE tiffoka fuq:

It-tisħiħ tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, b'enfasi speċifika fuq: il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni; l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lill-bniet u lin-nisa; in-nondiskriminazzjoni inkluż għall-minoranzi, bħal persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI), popli indiġeni u persuni b'diżabbiltà; it-tfal u ż-żgħażaġh; drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, inklużi l-art, l-ilma u s-sanità, l-akkomodazzjoni u d-drittijiet tax-xogħol; l-imparzjalità tal-ġudikatura u l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji; it-tmiem tal-prattika tat-tortura u t-tneħħija tal-piena tal-mewt. Għalhekk, jenħtieġ li l-UE tkompli tikkoopera mill-qrib mal-korpi rilevanti tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani u mal-pajjiżi tal-ALK biex issaħħaħ ir-reġim internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

L-għoti tas-setgħa lis-soċjetà ċivili bħala pedament ta' kwalunkwe sistema demokratika u l-indirizzar tar-restrizzjonijiet u t-theddid għall-ispazju tas-soċjetà ċivili, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent, tal-ġurnalisti u tat-trejdjunjonisti; inkluż il-promozzjoni ta' ambjent ġuridiku u politiku li jippermettilhom jaġixxu b'mod ħieles u sikur u li jespandu l-opportunitajiet tagħhom għal parteċipazzjoni sinifikanti fit-teħid tad-deċizzjonijiet, l-aċċess għall-ġustizzja u l-informazzjoni.

Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u lill-bniet kollha, inklużi l-protezzjoni, l-eżerċizzju u l-promozzjoni tad-drittijiet politiċi, soċjali u ekonomiċi tan-nisa, u l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kooperazzjoni kollha bejn l-UE u l-ALK. Jenħtieġ li s-sħubija tindirizza bħala prijorità l-livelli allarmanti tal-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, billi tibni fuq l-esperjenza ta', fost l-oħrajn, l-Inizjattiva Spotlight immedija mill-UE u n-Nazzjonijiet Uniti fl-2018.

L-iżgurar ta' istituzzjonijiet demokratiċi u proċessi elettorali kredibbli, trasparenti u inklużivi. Jenħtieġ li l-UE tkompli timmobilizza l-osservazzjoni elettorali u żjarat ta' esperti u se tappoġġa t-tiżiħ, kull meta dan ikun mitlub, tas-sistemi elettorali tas-sħab, b'kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani. Jenħtieġ li l-UE u l-ALK iżidu l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-esperjenzi f'dawn l-oqsma kollha, inkluż dwar il-perikli tad-diżinformazzjoni.

Il-konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Għarfien espert u kapaċità teknika jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-aġġornament u l-immodernizzar tal-leġiżlazzjoni u għat-tiżiħ tal-istituzzjonijiet ta' sorveljanza. Jenħtieġ li l-UE taħdem mas-sħab tal-ALK biex tippromwovi r-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet internazzjonali rilevanti. Il-korruzzjoni huwa tħassib komuni tal-UE u l-ALK, u trasparenza ambizzjuża u dispożizzjonijiet kontra l-korruzzjoni huma parti mill-proċess ta' modernizzazzjoni tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni maċ-Ċili u mal-Messiku u tan-negożjati mal-Mercosur.

Appoġġ għal istituzzjonijiet pubbliċi effettivi billi jingħaqdu l-isforzi biex l-istituzzjonijiet pubbliċi jsiru aktar effettivi, tissaħħaħ il-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku, jitwettqu riformi fiskali, u jiġi żgurat servizz ċivili abbażi tal-mertu. L-għoti tas-setgħa lill-awtoritajiet lokali, il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet u t-titjib tat-twassil tas-servizzi għandhom ikunu oqsma ta' prijorità.

Sħubija għad-demokrazija:

- *Tingħata prijorità lit-tiżiħ tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għall-prinċipji demokratiċi, billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livell reġjonali u bilaterali u permezz ta' ħidma b'mod konġunt mal-ALK biex tiġi kkoordinata l-azzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem f'korpi rilevanti tan-NU;*
- *Appoġġ għal soċjetà ċivili vibranti, inkluż billi jiġi promoss spazju pubbliku akbar għall-ġurnalisti u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent, u l-parteeċipazzjoni sinifikanti tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet;*
- *Jitnaqqas il-livell għoli b'mod inaċċettabbli ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, issir ħidma flimkien mal-ALK fuq il-promozzjoni tad-drittijiet politiċi, soċjali u ekonomiċi tan-nisa u tal-bniet u jiġu appoġġati l-isforzi biex tintemm il-vjolenza kontrihom;*
- *Jissaħħaħ l-appoġġ għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, responsabbli u trasparenti u għall-organizzazzjoni ta' proċessi elettorali ġusti u ħielsa permezz ta' pariri esperti u osservazzjoni elettorali;*
- *Tintensifika l-ħidma konġunta fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu permezz ta' assistenza teknika, l-iskambju tal-aħjar Prattiki u l-promozzjoni tar-ratifika u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali rilevanti.*

2.3. Sħubija għar-reżiljenza

Il-koeżjoni soċjali tinsab taħt stress kontinwu f'kuntest ikkaratterizzat mill-globalizzazzjoni, l-inugwaljanza soċjali, mill-urbanizzazzjoni mgħaġġla, it-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali, diżastri rikorrenti u intensifikati, il-flussi migratorji u ċaqliq sfurzati tal-popolazzjoni. Dawn l-isfidi kollha joħlqu problemi partikolari għall-pajjiżi tal-ALK li huma l-aktar vulnerabbli u jistgħu jkunu s-suġġett ta' skambju ta' esperjenzi u tal-aħjar Prattiki bejn iż-żewġ reġjuni.

Biex issostni l-progress fit-trajettorji tal-iżvilupp, l-UE tippromwoni approċċ multi-dimensjonali u mfassal apposta biex tindirizza r-reżiljenza tal-Istat, tas-soċjetà u tal-ekosistemi fir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ reġjuni. F'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jenħtieġ li l-kooperazzjoni tal-UE mal-ALK tiffoka fuq:

L-aġenda dwar ir-reżiljenza għall-klima bl-għan li timmaniġġja r-riskji klimatiċi, b'mod partikolari fl-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw tal-Karibew, u l-promozzjoni tal-approċċi bbażati fuq l-ekosistemi li jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. Il-kooperazzjoni futura tista' tibni fuq l-aproċċ tal-programm EUROCLIMA+¹⁶, u fuq il-finanzjament mill-BEI għal proġetti ta' investiment li jikkontribwixxu għall-azzjoni dwar il-klima u għall-protezzjoni ambjentali.

Jenħtieġ li ż-żewġ reġjuni jibbenefikaw jekk jagħmlu l-flussi finanzjarji konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u ma' żvilupp reżiljenti għall-klima, pereżempju billi jiġu stabbiliti oqfsa ta' investiment b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju.

Il-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp ta' sistemi tal-ikel sostenibbli hija importanti ħafna. Jenħtieġ li l-konsolidazzjoni ta' miżuri ta' adattament u ta' mitigazzjoni fis-settur agrikolu tibqa' kruċjali.

Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni Ċivili u ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza jistgħu jikkomplementaw l-isforzi ta' sokkors tal-ALK dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, inkluż billi jmexxu 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030.

L-ambjent u l-bijodiversità. L-ALK għandhom 40 % tal-bijodiversità tad-dinja u seba' hotspots tal-bijodiversità mill-25 li hemm fid-dinja¹⁷. It-telf tal-bijodiversità, l-estrazzjoni mhux sostenibbli, il-ġestjoni tar-riżorsi naturali u d-degradazzjoni tal-art, tal-foresti, tal-ilma u tal-ambjenti kostali huma sfidi ambjentali kritiċi, b'impatti sinifikanti fuq is-servizzi tal-ekosistemi u l-benesseri ta' gruppi vulnerabbli, inklużi l-komunitajiet indiġeni u lokali. Id-domanda globali għall-komoditajiet qed iżżid il-pessjoni fuq ir-riżorsi naturali u qed twassal għal deforestazzjoni severa u degradazzjoni ambjentali, li jaffettwaw l-għajxien u l-iżvilupp. Jenħtieġ li s-sħubija tmexxi 'l quddiem il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali fir-reġjuni, inklużi tal-art, tal-foresti u tal-ilma, il-konservazzjoni tal-ekosistemi u l-katini ta' provvista agrikola sostenibbli. Jenħtieġ li tkompli l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni fuq terminu qasir dwar ir-restawr tal-ekosistema, adottat skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (1992), il-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020 u l-Qafas tal-Bijodiversità wara l-2020, kif ukoll impenji internazzjonali u ftehimiet ambjentali multilaterali oħrajn.

Il-ġlieda kontra l-inugwaljanza. L-inugwaljanzi persistenti jfixklu l-koeżjoni soċjali, iwasslu għal opportunitajiet u tkabbir ekonomiku mitlufa, għall-kriminalità u l-vjolenza u għal tnaqqis fil-fiduċja fl-istituzzjonijiet, u fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal erożjoni tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt. L-indiċi GINI kompli jnaqqas fl-Amerika Latina minn 0,543 fl-2002 għal 0,466 fl-2017, iżda r-rata ta' tnaqqis naqset f'dawn l-aħħar snin¹⁸. Fl-2017, l-għadd ta' nies li jgħixu fil-faqar laħaq 184 miljun (30,2 % tal-popolazzjoni) u l-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'faqar estrem kompli jiżdied (62 miljun, 10,2 % tal-popolazzjoni, l-oġġla perċentwal mill-2008)¹⁹. Fis-snin li ġejjin, jenħtieġ li l-impenn konġunt favur il-koeżjoni soċjali jsarraf fi djalogu eqreb li jkun jinkludi skambju tal-aħjar Prattiki f'dan il-qasam.

Jenħtieġ li ż-żewġ reġjuni itejbu l-kooperazzjoni dwar sistemi tat-taxxa ġusti u effettivi u dwar il-protezzjoni soċjali bħala strumenti essenzjali biex jitrawwem it-tkabbir ekonomiku inklużiv u tiġi indirizzata l-inugwaljanza. Dan jibni fuq il-kooperazzjoni emerġenti dwar il-**governanza fiskali tajba**, fejn hemm livell għoli ta' impenn biex jiġu indirizzati l-frodi, l-

¹⁶ EUROCLIMA+ huwa programm iffinanzjat mill-UE li jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, <http://euroclimaplus.org/>

¹⁷ Il-Bank Inter-Amerikan tal-Iżvilupp (2012) Ingranaġġ ta' opportunitajiet biex jiġi sostnut it-tkabbir: il-pjattaforma tal-bijodiversità IDB għall-Amerika Latina u l-Karibew.

¹⁸ ECLAC (2018) Panorama Soċjali tal-Amerika Latina.

¹⁹ ECLAC, Panorama Soċjali tal-Amerika Latina 2018.

evazzjoni u l-evitar tat-taxxa. Permezz ta' programmi bħal EuroSOCIAL, iż-żewġ naħat jistgħu jiskambjaw esperjenzi dwar it-tassazzjoni, il-politiki ta' ridistribuzzjoni u t-twassil ta' servizzi soċjali, inkluż billi jibbenefikaw minn miżuri innovattivi fl-ALK dwar id-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-konformità tat-taxxa. Jenħtieġ li jiġi attivat id-djalogu bireġjonali dwar il-koeżjoni soċjali. Jenħtieġ li ż-żewġ reġjuni jkomplu jikkooperaw biex jiżguraw l-implimentazzjoni futura ta' standards globali li qed jevolvu dwar it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni, it-tassazzjoni ġusta u l-istandards minimi kontra l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitti²⁰.

Is-sigurtà taċ-ċittadini u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Jenħtieġ li ż-żewġ reġjuni jsaħħu d-djalogu bireġjonali dwar is-sigurtà taċ-ċittadini bħala mekkaniżmu għall-iskambju ta' esperjenzi u l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet għal aktar kooperazzjoni, inkluż dwar il-konsegwenzi umanitarji tal-kriminalità organizzata²¹. Dan jista' jibni fuq is-seminars UE-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (CELAC) dwar is-sigurtà taċ-ċittadini u l-programmi ta' kooperazzjoni bilaterali u reġjonali pożittivi dwar id-drogi (pereż. Programm ta' Kooperazzjoni dwar il-Politiki dwar id-Drogi - COPOLAD, il-Programm tar-Rotta tal-Kokaina) u dwar il-kriminalità organizzata transnazzjonali (pereż. EL PACCTO). Barra minn hekk, u minħabba l-iskala tal-isfida, jenħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni Prattika bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fiż-żewġ reġjuni kif ukoll aġenziji bħal l-EUROPOL, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), il-Komunità tal-Pulizija tal-Ameriki (AMERIPOL) u l-Aġenzija ta' Implimentazzjoni għall-Kriminalità u s-Sigurtà tal-CARICOM (IMPACS). Jenħtieġ li l-kooperazzjoni tkompli wkoll tindirizza l-kawżi tal-kriminalità bħalma huma l-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-ġestjoni ħażina tar-riżorsi naturali.

Il-migrazzjoni u l-mobilità. In-nies huma l-bażi tar-rabtiet b'saħħithom bejn l-UE u l-ALK. Fl-istess ħin, iż-żewġ reġjuni ġew f'sitwazzjonijiet fejn kellhom jindirizzaw l-isfidi migratorji u jistgħu jibbenefikaw mill-iskambju tal-esperjenzi u l-prattiki tajba. Il-kriżi fil-Venezwela ġġenerat l-akbar ċaqliq ta' nies fl-istorja reċenti tal-Amerika Latina, b'aktar minn tliet miljun Venezwelan li issa qed jgħixu barra mill-pajjiż²², li jiżdiedu max-xejriet migratorji tradizzjonali fil-kontinent.

Jenħtieġ li l-UE tfittex li tappfondixxi d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u l-mobbiltà bejn iż-żewġ reġjuni, inkluż dwar il-migrazzjoni regolari u irregolari, it-traffikar tal-bnedmin, ir-ritorn u r-riammissjoni, il-ġestjoni integrata tal-fruntieri, is-sigurtà tad-dokumenti, l-integrazzjoni tal-migranti fis-swieq tax-xogħol u fis-soċjetajiet, il-protezzjoni internazzjonali, u l-migrazzjoni u l-iżvilupp. Filwaqt li tibni fuq l-għarfien espert rispettiv tagħhom, jenħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni bireġjonali dwar il-governanza multilaterali tal-migrazzjoni u tal-mobbiltà, inkluż fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti.

Ir-reżiljenza istituzzjonali hija essenzjali għal governanza politika u ekonomika tajba u biex jiġi żgurat ir-rispett għall-istat tad-dritt. Ir-reżiljenza għandha tiġi indirizzata fuq livelli multipli – l-Istat, is-soċjetà u l-komunità. Il-gvernijiet lokali u s-soċjetà ċivili ħafna drabi huma l-bażi li fuqha r-reżiljenza tista' trabbi l-għerūq u tikber fil-livell komunitarju. Jenħtieġ li l-UE ssaħħaħ id-djalogu dwar il-politika settorjali mal-pajjiżi tal-ALK billi tuża l-aħjar Prattiki tal-UE fil-promozzjoni tar-reżiljenza.

²⁰ L-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitti jirreferu għal strateġiji ta' evitar tat-taxxa li jisfruttaw il-lakuni u d-diskrepanzi fir-regoli tat-taxxa biex jittrasferixxu b'mod artifiċjali l-profitti għal postijiet b'taxxa baxxa jew mingħajr taxxa (OECD).

²¹ F'konformità mad-Dikjarazzjoni tat-Tieni Laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tas-CELAC u tal-UE f'Lulju 2018, u mal-Istrateġija tal-2014 dwar is-Sigurtà taċ-Ċittadini.

²² UNHCR (2019)

Il-kooperazzjoni kulturali tista' tgħin biex jiġu indirizzati kwistjonijiet bħal dawn, u b'hekk id-diversità kulturali u l-wirt għani kondiviżi jsiru riżorsa għall-iżvilupp tal-bniedem u għat-kabbir ekonomiku. L-UE tipproponi approċċ ta' politika kulturali bejn il-persuni mmirata lejn l-operaturi kulturali u l-promozzjoni ta' sħubijiet, koproduzzjonijiet u skambji u li ddu madwar tliet pilastri: (i) appoġġ għall-kultura bħala mutur għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku (ii) il-promozzjoni tal-kultura u tad-djalogu interkulturali għal relazzjonijiet interkomunitarji paċifiċi u (iii) it-tishiġ tal-kooperazzjoni dwar il-wirt kulturali. Dan se jgħin ukoll biex jittieħed vantaġġ mill-potenzjal enormi taż-żewġ reġjuni fl-industriji kulturali u kreattivi inklużi d-disinn, is-servizzi diġitali, il-moda, il-mużika u l-arti awdjoviżiva.

Sħubija għar-reżiljenza:

- *promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u tal-ekosistemi u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità u l-Qafas tal-Bijodiversità wara l-2020;*
- *faċilitazzjoni tal-koordinazzjoni u approfondiment tal-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tad-diżastri u l-protezzjoni ċivili;*
- *intensifikazzjoni tad-djalogu u tal-kooperazzjoni dwar il-koeżjoni soċjali, il-protezzjoni soċjali, il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa u r-regolamentazzjoni finanzjarja;*
- *żieda fil-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà u tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata permezz ta' użu mtejjeb ta' djalogu bireġjonali dwar is-sigurtà taċ-ċittadini u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi;*
- *żieda fid-djalogu u fil-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u l-mobbiltà, inkluż fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti;*
- *promozzjoni tal-kooperazzjoni kulturali billi n-nies jiġu mħajrin jipparteċipaw fi programmi ta' skambju ta' persuni, organizzazzjoni ta' djalogi interkulturali u appoġġ għal proġetti ta' koproduzzjoni u sħubija fis-setturi kulturali u kreattivi.*

2.4 Sħubija għal governanza globali effettiva

Jenħtieġ li l-preżervazzjoni, ir-riforma u t-tishiġ tal-multilateraliżmu effettiv ikomplu jkunu l-oġettiv ċentrali tas-Sħubija bejn l-UE u l-ALK. Flimkien iż-żewġ reġjuni jammontaw għal madwar terz tas-sħubija tan-NU, għadd sostanzjali ta' membri tal-Grupp tal-Għoxrin (G20) u żewġ terzi tal-membri tal-OECD.

Biex jikkontribwixxu għal governanza globali effettiva u biex ifasslu aktar u jmexxu 'l quddiem l-aġenda internazzjonali, l-UE u l-ALK jistgħu jingħaqdu flimkien fil-livell multilaterali biex:

Isaħħu s-sistema multilaterali: Jenħtieġ li l-UE u l-ALK ikomplu jappoġġaw l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU mmirati lejn riforma komprensiva tas-sistema tan-NU, inkluż il-Kunsill tas-Sigurtà, kif ukoll biex jergħu jagħtu l-ħajja lill-Assemblea Ġenerali u lill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali. Jenħtieġ li l-appoġġ għall-Qorti Kriminali Internazzjonali jibqa' prijorità.

Japprofondixxu l-kooperazzjoni dwar il-paċi u s-sigurtà. Storja ta' kif jingħelbu l-kunflitti bejn l-istati tagħmel lill-UE sieħeb naturali għall-ALK fil-promozzjoni ta' riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim, u flimkien dawn jistgħu jaħdmu biex jappoġġjaw proċessi ta' medjazzjoni u ta' rikonċiljazzjoni. Jenħtieġ li l-UE tibqa' tinvesti fil-kooperazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Paċi fil-Kolombja.

Il-pajjiżi tal-ALK kienu wkoll fuq quddiem nett biex jikkonkludu ftehimiet qafas ta' parteċipazzjoni biex jieħdu sehem fl-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-UE (iċ-Ċili u l-Kolombja) u biex jikkontribwixxu għal xi wħud minnhom (il-Brażil, l-Arġentina u r-Repubblika Dominikana).

Jenħtieġ li l-kooperazzjoni ssaħħaħ ukoll fuq firxa ta' kwistjonijiet relatati mas-sigurtà, inkluż it-theddid ibridu, iċ-ċibersigurtà, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà, is-sigurtà tal-fruntieri, it-traffikar tal-bnedmin, il-kriminalità organizzata u t-traffikar tal-armi, l-armi żgħar u ta' kalibru żgħir, u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi implimentat l-eżitu tas-Sessjoni Speċjali tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-2016 dwar il-Problema Dinjija tad-Drogi.

Id-Deċiżjoni tal-pajjiżi tal-ALK li jsiru żona ħielsa mill-armi nukleari²³ tagħmel ir-reġjun sieħeb ewlieni fl-avanz tal-oġettivi tat-Trattat tan-Nonproliferazzjoni Nukleari, u r-ratifika u l-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi.

Immexxu 'l quddiem il-governanza multilaterali tal-klima u l-ambjent. Filwaqt li jibnu fuq ir-rwol ewlieni tal-UE u tal-ALK fl-adozzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi fl-2015, hemm bżonn ta' sforzi kollettivi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tiegħu u tranżizzjoni globali lejn enerġija nadifa. Jenħtieġ li r-reġjuni jimmobilizzaw sħab biex jindirizzaw il-kriżi tal-bijodiversità, jikkooperaw lejn implimentazzjoni aktar effettiva ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, inklużi l-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi, il-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità, u qafas b'saħħtu ta' bijodiversità wara l-2020. Il-kooperazzjoni internazzjonali futura tista' tibni fuq l-esperjenzi ta' inizjattivi bħall-Alleanza Globali dwar it-Tibdil fil-Klima²⁴ u s-Sħubijiet Strateġiċi tal-UE għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi²⁵.

Tissaħħaħ il-governanza internazzjonali tal-oċeani. Kooperazzjoni eqreb dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tan-NU tal-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) u l-ftehimiet ta' implimentazzjoni tagħha joħlqu kundizzjonijiet għal ġestjoni sostenibbli tal-oċeani u l-ekonomija blu. Se jkun importanti li jkun hemm kooperazzjoni dwar l-iżvilupp kontinwu ta' strument internazzjonali legalment vinkolanti skont l-UNCLOS dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjonijiet nazzjonali u dwar il-ġlieda kontra s-sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat. Hija meħtieġa kooperazzjoni msaħħa fl-organizzazzjonijiet reġjonali u multilaterali marbuta mal-oċeani, inkluż dwar is-sajd, u appoġġ għall-iżvilupp tal-għarfien u l-pariri xjentifiċi.

Tiġi Implementata l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-UE u l-ALK kellhom rwol ewlieni fit-tfassil ta' dan il-manifest multilaterali għall-iżvilupp sostenibbli u jenħtieġ ukoll li jkunu mexxejja fl-implimentazzjoni tiegħu. Kif stabbilit fl-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, il-mezzi disponibbli kollha ta' implimentazzjoni, inklużi l-flussi tal-investment pubbliku u privat, jenħtieġ li jintużaw bis-sħiħ biex jintlaħqu l-SDGs.

Issir riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Fil-kuntest tax-xejriet protezzjonisti internazzjonali, għandhom jiġu rduppjati l-isforzi konġunti biex tinżamm **is-sistema kummerċjali multilaterali miftuħa nondiskriminatorja u bbażata fuq ir-regoli, b'WTO li taħdem tajjeb u qawwija fil-qalba tagħha**, b'ħidma lejn ir-riforma tal-

²³ It-Trattat għall-projbizzjoni ta' armi nukleari (Trattat ta' Tlatelolco), effettiv mill-1968

²⁴ L-Alleanza Globali dwar it-Tibdil fil-Klima hija inizjattiva tal-UE biex tgħin lill-aktar pajjiżi vulnerabbli fid-dinja jindirizzaw it-tibdil fil-klima, inklużi stati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw u l-pajjiżi l-anqas żviluppati.

²⁵ Dan il-programm javvanza l-kollaborazzjoni tal-politika Ewropea dwar il-klima mal-ekonomiji ewlenin tad-dinja, b'enfasi fuq il-G20, b'mod partikolari billi jżid l-implimentazzjoni tal-Kontributi Determinati fil-Livell Nazzjonali (NDC, Nationally Determined Contributions).

funzjonijiet tal-Organizzazzjoni li huma t-tfassil tar-regoli, il-monitoraġġ u r-risoluzzjoni tat-tilwim.

Tissaħħaħ ir-reżiljenza makroekonomika globali. Huwa essenzjali li jkun hemm skambji akbar dwar l-iżviluppi makroekonomiċi u strateġiji politiċi xierqa fuq livell globali u fiż-żewġ reġjuni sabiex jinkiseb tkabbir globali b'saħħtu, sostenibbli, ibbilanċjat u inklużiv.

Sħubija għal governanza globali effettiva fil-livell multilaterali:

- *Promozzjoni ta' aktar parteċipazzjoni tal-ALK fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK tal-UE, u ħidma aktar mill-qrib biex tiġi promossa s-sigurtà u l-paċi fid-dinja kollha;*
- *ħidma fuq l-implimentazzjoni sħiħa tar-riformi tas-sistema tan-NU dwar il-Paċi u s-Sigurtà, l-Iżvilupp Sostenibbli u l-ġestjoni;*
- *jingħaqdu l-isforzi biex isir enfasi fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima filwaqt li jiġi mmobilizzat l-appoġġ globali għal tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u qafas b'saħħtu ta' bijodiversità wara l-2020;*
- *tiġi żviluppata aktar kooperazzjoni bireġjonali dwar il-governanza tal-oċeani, inkluż dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar u l-ġlieda kontra s-sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat;*
- *titwitta t-triq għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;*
- *tiġi żviluppata aġenda komuni għat-tiżni tas-sistema kummerċjali multilaterali permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehimiet tad-WTO u tar-riforma tad-WTO.*

3. Mill-viżjoni għall-azzjoni

Biex nimxu mill-viżjoni għall-azzjoni, biex nimplementaw b'mod effettiv l-aġenda stabbilita hawn fuq, se jkun hemm bżonn li l-UE u l-ALK iġeddu l-forom tagħhom ta' impenn. Fis-snin li ġejjin, iggwidata mill-prijoritajiet imsemmija f'din il-Komunikazzjoni, l-UE se tfittex approċċ aktar strateġiku mal-ALK, filwaqt li ttejjeb il-mod kif tinvolvi ruħha mar-reġjun b'mod politiku u permezz tal-għodod tal-kummerċ u tal-investment u tal-kooperazzjoni tagħha.

3.1. Impenn politiku aktar strateġiku

Jenħtieġ li l-pragmatiżmu bi prinċipju jiggwida l-azzjoni esterna tal-Ewropa mal-ALK. Approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" għas-sħubija ma jissodisfax il-bosta realtajiet diversi tal-ALK; il-pajjiżi sħab għandhom prijoritajiet ta' politika, ħtiġijiet u assi differenti. Filwaqt li żżomm il-livelli attwali ta' involviment — multilaterali, bireġjonali, subreġjonali, bilaterali - jenħtieġ li l-UE tfittex li **tapprofondixxi l-assoċjazzjoni ma' gruppi reġjonali interessati u mal-pajjiżi li huma lesti u kapaċi jżidu l-involviment tagħhom** f'għanijiet komuni.

Id-djalogi politiċi tal-UE ma' pajjiżi differenti tal-ALK u ma' gruppi reġjonali differenti jenħtieġ li jkomplu jiggwidaw ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ALK. Jenħtieġ li d-djalogi jgħinu biex jiġu identifikati prijoritajiet, interessi u opportunitajiet ġodda ta' kooperazzjoni kondiviżi. Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni konklużi jew li qed jiġu nneozjati ma' diversi pajjiżi²⁶ u l-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni ma' Kuba ffirmat fl-2016 stabbilew djalogi ta' politika stabbiliti f'firxa wiesgħa ta' oqsma, li jipprovdu qafas istituzzjonali adegwat biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet bilaterali u reġjonali.

²⁶ Il-Messiku, iċ-Ċili, l-Amerika Ċentrali, il-MERCOSUR.

L-appoġġ għall-**integrazzjoni reġjonali jenħtieġ li jibqa' prijorità** fir-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi tal-ALK minħabba l-konvinzjoni u l-esperjenza li l-integrazzjoni intrareġjonali ġġib magħha aktar sigurtà, gwadanji ekonomiċi u soċjali. Dan jinkludi mekkaniżmi transreġjonali, bħall-CELAC, kif ukoll sforzi xprunati reġjonalment bħall-Alleanza tal-Paċifiku, il-Mercosur, is-Sistema ta' Integrazzjoni tal-Amerika Ċentrali (SICA) u l-Forum tal-Karibew (CARIFORUM)/ il-Komunità tal-Karibew (CARICOM).

Jenħtieġ li s-**sħubija** bejn l-UE u l-ALK ssir aktar prominenti fil-livell globali u aħjar fil-protezzjoni u l-**ħolqien ta' beni pubbliċi globali, inkluż permezz ta' pożizzjonijiet konġunti f'fora multilaterali. Jenħtieġ li l-prattika ta' konsultazzjonijiet informali bejn l-UE u l-pajjiżi tal-ALK qabel ma jsiru konferenzi internazzjonali tiġi intensifikata.** Jenħtieġ li l-kooperazzjoni multilaterali ssir oġġett permanenti tad-djalogi fil-livelli kollha mas-sħab tal-ALK.

L-impenn politiku u l-**approċċi konġunti** bejn iż-**żewġ reġjuni huma wkoll l-istrumenti għall-promozzjoni tad-demokrazija, tal-paċi u tas-sigurtà u jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' kriżi.** Lura fis-snin 80 l-Amerika Latina u l-Ewropa għaqqdu l-isforzi tagħhom taħt il-Grupp Contadora biex jippromwovu l-paċi fl-Amerika Ċentrali u wittew il-pedamenti għall-Ftehimiet ta' Paċi ta' Esquipulas. **Il-Grupp ta' Kuntatt Internazzjonali (ICG) dwar il-Venezwela** huwa eżempju ieħor ta' inizzjattiva li tlaqqa' flimkien membri miż-**żewġ reġjuni** bl-għan li jiġu promossi soluzzjonijiet politiċi, demokratiċi u paċifiċi għall-kriżi fil-pajjiż, li l-impatt tagħha qed jinħass sew lil hinn mill-fruntieri tal-Venezwela. L-ICG huwa bbażat fuq valuri kondiviżi bejn l-UE u l-ALK u fuq il-**ħtieġa li jiħarsu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun.** Dan jinkorpora l-**approċċ kooperattiv u bbażat fuq ir-regoli li jiggwida l-politika barranija tal-UE: b'ħidma ma' sħab reġjonali u internazzjonali, huwa jfittex li joħloq il-kundizzjonijiet għal soluzzjoni politika permezz ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti u l-għoti ta' għajnuma f'konformità mal-prinċipji umanitarji.** L-UE tinsab ukoll lesta li tkun parti minn sforz internazzjonali biex jinbnew mill-**ġdid l-istituzzjonijiet u l-ekonomija tal-pajjiż** ladarba tkun ġiet irrestawrata d-demokrazija. Jenħtieġ li azzjoni diplomatika konġunta bbażata fuq oqfsa multilaterali u inklużivi tiġi promossa bħala għodda fir-relazzjonijiet bireġjonali tagħna sabiex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Filwaqt li hija konxja li fid-dinja tal-lum hemm diversi atturi internazzjonali li jikkompetu għall-inflwenza, għall-preżenza ekonomika jew anke għall-mudelli politiċi u soċjetali, jenħtieġ li l-UE tiddifferenzja lilha nnifisha permezz ta' politika bbażata fuq il-valuri tagħha u tippromwovi loġika ta' **komplementarjetà u benefiċċju reċiproku.** Viżjoni ta' **esklużjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali fejn xi ħadd igawdi minn fuq ħadd ieħor** hija ta' **detriment għaż-żewġ reġjuni; il-proposta tal-UE lill-ALK** hija bbażata fuq **reġjonaliżmu miftuħ u soluzzjonijiet fejn jirbaħ kulħadd.**

Jenħtieġ li l-UE wkoll issegwi politika ta' **kummerċ u ta' investiment responsabbli fir-relazzjonijiet tagħha mal-ALK billi tuża l-ftehimiet kummerċjali tagħha** biex tippromwovi l-interessi ekonomiċi tal-UE u l-valuri internazzjonali li jirfdu s-**sħubija UE-ALK, billi tagħti sehemha biex tavvanza d-demokrazija, il-prosperità u r-reżiljenza u tiffirma globalizzazzjoni aktar inklużiva u sostenibbli.**

3.2 Kooperazzjoni b'impatt qawwi

Sabiex l-objettivi komuni jiġu tradotti f'azzjoni u biex jiġi ssodisfat il-potenzjal tas-**sħubija UE-ALK, jenħtieġ li l-UE taħdem mas-sħab tal-ALK** biex timplimenta dan il-qafas komprensiv propost għall-kooperazzjoni. Jenħtieġ li l-qafas jwieġeb għall-**erba' oqsma ta' prijorità deskritti hawn fuq - il-prosperità, id-demokrazija, ir-reżiljenza u l-governanza globali effettiva - filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa għal azzjoni deċiżiva fuq interessi kondiviżi, fejn ir-reġjuni jinvolvu ruħhom bħala sħab ugwali.**

Dan il-qafas komprensiv ġdid jenħtieġ li jkun:

- **Imfassal apposta**, filwaqt li jitqiesu r-realtajiet diversi fi ħdan ir-reġjuni.
- **iwieġeb għall-prijoritajiet politiċi**, u jservi biex imexxi 'l quddiem għanijiet u interessi komuni tas-sħubija/sħubijiet bejn l-UE u l-ALK kif definiti mid-djalogi politiċi li qed iseħħu f'livelli differenti tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ALK, u minn konsultazzjonijiet mas-settur privat u ma' gruppi tas-soċjetà ċivili;
- **komprensiv**, bl-użu ta' oqsma ta' politika u strumenti differenti biex jirrispondi għal aġenda ta' sħubija li qed titwessa' u għal sfidi dejjem aktar kumplessi;
- **koerenti**, billi jiżgura li l-politiki u l-istrumenti differenti tal-azzjoni esterna tal-UE fl-ALK jikkontribwixxu għall-għanijiet usa' tas-sħubija bejn l-UE u l-ALK.

Il-kooperazzjoni b'appoġġ għall-**implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli universali u għal impenji internazzjonali komuni oħra se tkun komponent ewlieni tal-qafas il-ġdid**, b'impenn fil-livelli lokali, nazzjonali, reġjonali u globali kif ukoll mas-soċjetà ċivili. Eżempju tajjeb ta' dan l-impenn huma d-djalogi dwar l-iżvilupp sostenibbli stabbiliti skont il-ftehimiet konklużi ma' diversi pajjiżi.

B'ħidma fil-qafas tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, jenħtieġ li l-UE tkompli timpenja ruħha mal-pajjiżi tal-ALK f'livelli differenti ta' żvilupp b'mod dejjem aktar diversifikat u mfassal apposta, **immirat lejn pajjiżi fejn il-ħtiġijiet huma l-akbar, speċjalment pajjiżi li huma l-anqas żviluppatti, f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità u kunflitt** - fejn il-potenzjal biex jinġabar finanzjament huwa l-aktar baxx.

Filwaqt li tirrikonoxxi l-vulnerabbiltajiet li fadal u r-restrizzjonijiet strutturali li bosta pajjiżi bi dħul medju qed iħabbtu wiċċhom magħhom biex jiksbu żvilupp sostenibbli, jenħtieġ li l-UE tagħmel ħilitha biex tisfrutta l-benefiċċji reċiproċi ta' kollaborazzjoni u prosperità kondiviża. Jenħtieġ li l-UE tkompli bil-kooperazzjoni mmirata għall-iżvilupp fejn xieraq u tinvolvi ruħha fi djalogu politiku u l-kondiviżjoni ta' esperjenza u għarfien espert dwar kwistjonijiet bħall-qerda tal-faqar, il-governanza, il-kriżijiet tar-refuġjati u interessi komuni oħra.

Id-djalogi u l-inizjattivi ta' kooperazzjoni dwar il-politika u r-riforma pubbliċi se jqisu d-diversità tal-pajjiżi sħab, jippromwovu interessi reċiproċi u jidentifikaw il-prijoritajiet u l-isfidi komuni. L-UE tirrikonoxxi wkoll ir-**rwol importanti tal-kooperazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma aktar avvanzati fl-ALK ma' pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw** kif ukoll l-impatt tagħhom fuq il-beni u l-isfidi pubbliċi globali. Peress li dawn il-pajjiżi jeħtieġu inqas forom, jew l-ebda forom, ta' assistenza konċessjonali, jenħtieġ li l-UE tiżviluppa impenji innovattivi magħhom biex tippromwovi l-implimentazzjoni globali tal-Aġenda 2030.

Sabiex tappoġġa l-qafas il-ġdid għall-kooperazzjoni, jenħtieġ li l-UE tagħmel użu sħiħ u komplementari mill-firxa ta' strumenti u programmi tagħha filwaqt li tintroduċi mezzi innovattivi biex tmexxi 'l quddiem l-għanijiet tas-sħubija bejn l-UE u l-ALK. Ta' importanza partikolari jenħtieġ li jkunu:

- id-**djalogi ta' politika** biex jiġu identifikati u xprunati l-aspettattivi reċiproċi tal-UE u tal-ALK għar-riformi domestiċi, il-kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u multilaterali;
- l-**iskambju tal-għarfien u tal-għarfien espert** dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku, inklużi l-politika pubblika, it-tisħiħ istituzzjonali, u l-ambjenti regolatorji;
- **il-promozzjoni u l-ingranaġġ kemm tal-finanzjament pubbliku** kif ukoll ta' dak privat biex jiġu sfruttati l-investimenti b'redditu ekonomiku, ambjentali u soċjali għoli, inkluż

permezz ta' finanzjament imħallat u appoġġ għall-investment, u permezz ta' djalogu strutturat biex tittejjeb il-klima tal-investment, b'fokus fuq il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn.

- **kooperazzjoni trijangolari**, li timmobilizza u żżid il-kapaċitajiet ta' kooperazzjoni, inkluż biex jintlaħqu l-SDGs.

Il-Bank Ewropew tal-Investment u l-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp tal-Istati Membri, għandhom rwol importanti fil-finanzjament tal-iżvilupp sostenibbli fl-ALK, f'kuntast ta' tnaqqis fl-influssi mill-Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp.

Fl-aħħar nett, il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-ALK tibbenefika minn raffinament tal-għodod tagħha grazzi għal arkitettura semplifikata tal-istrumenti ta' finanzjament estern u flessibilità akbar biex tilqa' l-isfidi u timmassimizza l-opportunitajiet tas-šhubija bireġjonali.

3.3. Is-soċjetajiet tagħna fir-rwol ta' mexxejja

Jenħtieġ li l-UE tkompli tippromwovi l-involviment mill-qrib mas-soċjetà ċivili, mal-gruppi ta' riflessjoni, mal-gvernijiet lokali, mas-settur tan-negozju, mal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, mal-organizzazzjonijiet kulturali, mal-akkademiċi u maż-żgħażaġh. Jenħtieġ li dan l-impenn jkompli jinforma d-djalogi politiċi u ta' politika bejn l-UE u l-ALK, filwaqt li jiżgura li dawn iwieġbu għat-tħassib taċ-ċittadini taż-żewġ reġjuni. Il-kapaċità tas-soċjetà ċivili biex timpenja ruħha f'appoġġ effettiv u tippromwovi l-akkontabbiltà u t-trasparenza tal-gvern jenħtieġ li tkun għan kontinwu tal-inizjattivi ta' kooperazzjoni. Il-**Fondazzjoni UE-ALK** għandha wkoll rwol prominenti f'dan ir-rigward.

Id-**dimensjoni parlamentari** hija komponent essenzjali tal-impenn politiku bejn l-UE u l-ALK. Jenħtieġ li r-rwol kostruttiv u attiv tal-Parlament Ewropew u ta' korpi parlamentari oħra fis-šhubija bireġjonali jkompli fil-futur.

Jenħtieġ li l-UE tkompli l-kollaborazzjoni mill-qrib tagħha ma' **organizzazzjonijiet reġjonali u bireġjonali**, bħall-Kummissjoni Ekonomika għall-Amerika Latina u l-Karibew (ECLAC) tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, is-Segretarjat Ġenerali Ibero-Amerikan, l-Istitut Italo-Latin-Amerikan, il-Bank Inter-Amerikan tal-Iżvilupp, jew il-Bank tal-Iżvilupp tal-Amerika Latina.

4. Lejn aġenda konġunta

Din il-Komunikazzjoni tiddekrivi serje ta' proposti biex tissaħħaħ is-šhubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-ALK. Tirrifletti l-interess qawwi tal-UE li tapprofondixxi r-relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-ALK u ma' gruppi reġjonali u li tibqa' sieħeb stabbli u affidabbli għar-reġjun.

L-UE temmen li s-šhubija teħtieġ tiegħu pożizzjoni aktar b'saħħitha favur valuri u interessi vitali - il-prosperità, id-demokrazija, ir-reżiljenza u l-governanza globali effettiva - u tagħmel użu aħjar u aktar immirat tad-dimensjonijiet differenti tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ALK għal dak l-għan. L-UE se taħdem lejn impenn politiku aktar strateġiku, billi tintensifika l-isforzi ta' šhubija ma' daww il-pajjiżi jew gruppi reġjonali li huma lesti li jagħmlu aktar biex jilħqu għanijiet komuni. Se timmira li żżid il-politiki kummerċjali u ta' investment progressivi u bbażati fuq ir-regoli, filwaqt li taħdem mal-ALK biex tippreserva u tirrifirma s-sistema kummerċjali multilaterali b'soda. Se tikkoopera dwar azzjoni li se tikseb impatt kbir taħt il-prijoritajiet kondiviżi u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli .

Fl-istess ħin, is-šhubija bejn l-UE u l-ALK tmur ferm lil hinn mill-gvernijiet. Ir-rabtiet bejn il-popli tagħna llum huma dinamiċi daqs qatt qabel; huma ċ-ċittadini li jibnu l-pontijiet bejn ir-reġjuni tagħna, li jagħmlu riċerka u jinnovaw, joħolqu impjiegi ġodda u jżommu responsabbli

lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. Jenħtieġ li jsir aktar biex insostnuhom jilhqqu l-potenzjal tagħhom.

Dan Jenħtieġ li jwassal għal **azzjoni esterna aktar magħquda u koerenti fl-ALK**, b'ippuljar tal-kapaċitajiet u r-riżorsi. L-implimentazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni se titwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE, li r-rabtiet differenti tagħhom mar-reġjun tal-ALK isaħħu n-natura unika tas-sħubija bejn l-UE u l-ALK. Il-programmazzjoni konġunta u l-inizjattivi komuni biex l-azzjoni esterna tal-Ewropa ssir aktar effettiva jenħtieġ li jiġu esplorati kull fejn fattibbli.

Din hija l-viżjoni tal-UE għall-futur tas-sħubija bejn l-UE u l-ALK. Id-djalogu mas-sħab tal-ALK se jippermetti li jingħaqdu l-forzi għal futur komuni.

Lista ta' akronimi (f'ordni alfabetiku)

5G	<i>Il-5 Ġenerazzjoni (Komunikazzjonijiet Ċellulari bil-Mowbajl)</i>
AKP	<i>Il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku</i>
AMERIPOL	<i>Comunidad de Policías de América Il-Komunità tal-Pulizija tal-Ameriki</i>
CARICOM IMPACS	<i>L-Aġenzija ta' Implimentazzjoni tal-Komunità tal-Karibew għall-Kriminalità u s-Sigurtà</i>
CELAC	<i>Il-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew</i>
CEPOL	<i>L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi</i>
COPOLAD	<i>Programa de Cooperación entre América Latina, el Caribe y la Unión Europea en Políticas sobre Drogas Il-Programm ta' Kooperazzjoni bejn l-Amerika Latina, il-Karibew u l-Unjoni Ewropea dwar il-Politiki dwar id-Drogi</i>
CSDP	<i>(UE) Il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni</i>
ECLAC	<i>Il-Kummissjoni Ekonomika għall-Amerika Latina u l-Karibew</i>
EGNOS	<i>Is-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja</i>
BEI	<i>Il-Bank Ewropew għall-Investment</i>
EL PAcCTO	<i>Europa Latinoamérica Programa de Asistencia contra el Crimen Transnacional Organizado Il-Programm ta' Assistenza Ewropea għall-Amerika Latina kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali</i>
UE	<i>L-Unjoni Ewropea</i>
EUR	<i>ewro</i>
EUROCLIMA+	<i>Programa Regional de Sostenibilidad Ambiental y Cambio Climático para América Latina Il-Programm Reġjonali għas-Sostenibbiltà Ambjentali u t-Tibdil fil-Klima għall-Amerika Latina</i>
EUROPOL	<i>L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea tal-Infurzar tal-Liġi</i>
EUROsociAL	<i>Programa para la Cohesión Social en América Latina Il-Programm għall-Koeżjoni Soċjali fl-Amerika Latina</i>
IDB	<i>Investiment Dirett Barrani</i>
G20	<i>Il-Grupp tal-Għoxrin</i>
IADB	<i>Il-Bank tal-Iżvilupp Inter-Amerikan</i>
ALK	<i>L-Amerka Latina u l-Karibew</i>
LGBTI	<i>Leżbjani, Gay, Bisesswali, Transġeneru u</i>

	<i>Intersesswali</i>
MSME	<i>Intrapriżi Mikro, Żgħar u Medji</i>
NDC	<i>Kontribuzzjonijiet Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali</i>
OAS	<i>L-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani</i>
ODA	<i>L-Għajmuna Uffiċjali għall-Iżvilupp</i>
OECD	<i>Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi</i>
SDG	<i>L-Għan(ijiet) ta' Żvilupp Sostenibbli</i>
SICA	<i>Sistema de la Integración Centroamericana Is-Sistema ta' Integrazzjoni tal-Amerka Ċentrali</i>
NU	<i>In-Nazzjonijiet Uniti</i>
WTO	<i>L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ</i>